

KONKLUŻJONIJET TA' L-AVUKAT ĠENERALI

MAZÁK

ippreżentati fid-29 ta' Marzu 2007¹

1. Iż-żewġ domandi għal deċiżjoni preliminari jikkonċernaw l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima², kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/111/KEE, ta' l-14 ta' Diċembru 1992³ (iktar 'il quddiem is-“Sitt Direttiva”).

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija għalhekk mitluba tintrepreta l-kunċett ta' nolleggż użat fl-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva u, b'mod partikolari, tiddetermina jekk dan il-kunċett japplikax biss għan-nolleggż tal-bastiment sħiħ (nolleggż “sħiħ”) jew jekk japplikax ukoll għan-nolleggż ta' parti minn bastiment (nolleggż “parzjali”).

I — Il-leġiżlazzjoni rilevanti

A — Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

2. Id-domandi tqajmu fil-kuntest ta' proċedimenti bejn il-kumpannija Navicon (iktar 'il quddiem “Navicon”) u l-awtorità fiskali Spanjola kompetenti dwar ir-rifjut minn din l-awtorità li teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-“VAT”) operazzjonijiet li jinvolvu n-nolleggż parzjali ta' bastiment sabiex jinġarru kontejners. F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlazzjoni Spanjola li timplimenta s-Sitt Direttiva tipprovdi biss għall-eżenzjoni ta' nolleggż sħiħ.

4. L-Artikolu 15 tas-Sitt Direttiva jipprovdi li:

“Eżenzjonijiet ta' l-esportazzjonijiet u transazzjonijiet simili u trasport internazzjonali:

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — ĠU L 145, p. 1.

3 — ĠU L 384, p. 47.

Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet oħra tal-Komunità l-Istati Membri għand-

hom jeżentaw li ġejjin taħt il-kondizzjonijiet li huma għandhom ifasslu għall-iskop biex jassiguraw l-applikazzjoni korretta u ċara tat-tali eżenzjonijiet u jipprevenu kwalunkwe evażjoni, evitar jew abbuż:

provvista, kiri, tiswija u manteniment tat-tagħmir - inkluż it-tagħmir tas-sajd - inkorporat jew użat hemmhekk. [...]"

[...]

B — *Il-legalizzazzjoni nazzjonali*

(4) il-provvista ta' oġġetti għall-ġhoti tal-karburant u l-provedimenti għall-bastimenti:

5. L-Artikolu 22.1 tal-Liġi 37 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jipprovdi li:

(a) użati fin-navigazzjoni fl-ibħra miftuħa u jgħorru passiġġieri għal hłas u użati għall-iskop kummerċjali, industrijali jew għall-attivitajiet tas-sajd;

"Eżenzjonijiet fuq tranżazzjonijiet marbuta ma' l-esportazzjoni

(b) użati għas-salvataġġ u għajnuna fil-baħar, għas-sajd mal-kosta, ħlief bleċ[ċ]ezzjoni, għal ta' l-aħħar, għall-provedimenti tal-vapuri;

It-tranżazzjonijiet segwenti għandhom ikunu eżentati mit-taxxa skond il-kundizzjonijiet u fiċ-ċirkustanzi li għandhom jiġu stabbiliti b'regolamenti:

[...]

L-ewwel: Il-provvista, il-bini, il-modifikazzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni, in-nolleġġ sħiħ u l-kera tal-bastimenti msemmija hawnhekk:

(5) il-provvista, modifikazzjoni, tiswija, manteniment, nolleġġjar u kiri ta' vapuri msemmija fil-paragrafu 4 (a) u (b) [u i]l-

(1) Bastimenti li jistgħu jbaħħru fl-ibħra miftuħa użati għal skopijiet merkantili internazzjonali fl-eżerċizzju ta' attivita-

jiet kummerċjali ta' ġarr ta' merkanzija jew ta' passiġġieri bi hłas, inklużi servizzi turistiċi jew attivitajiet industrijali jew attivitajiet ta' sajd. [...]"

nómico Administrativo (Tribunal Amministrativ Kummerċjali) ta' Madrid. Hija appellat quddiem it-Tribunal Superior de Justicia de Madrid (Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Madrid), li ddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej:

II — L-isfond fattwali, il-proċedura u d-domandi magħmula

6. Navicon u l-kumpannija Compañía Transatlántica Española SA kkonkludew kuntratt ta' nollegġ parzjali fejn Navicon ipprovdiet lil din ta' l-aħħar, bi hłas, parti mill-ispazju fuq il-bastimenti tagħha sabiex iġġorr kontejners bejn diversi portijiet fil-peniżola Iberika u territorju li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (il-gżejjer tal-Kanarji).

7. Navicon ma applikatx l-ammont tat-taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-fatturi rispettivi peress li kkunsidrat li t-tranżazzjoni kienet eżentata mill-hłas tal-VAT. L-awtorità fiskali Spanjola kompetenti għamlet aġġustament fir-rigward ta' l-ammonti mħallsa taħt il-kuntratt ta' nollegġ sabiex jinkludu l-VAT peress li kkunsidrat li l-eżenzjoni ma tapplikax meta n-nollegġ ikun parzjali u mhux nollegġ sħiħ.

8. Navicon ikkontestat, mingħajr suċċess, dan l-aġġustament quddiem it-Tribunal Eco-

“1. Għandu t-terminu ‘nollegġjar’ fl-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva jiġi interpretat fis-sens li jinkludi biss in-nollegġ tal-kapaċità kollha tal-bastiment (nollegġ sħiħ) jew fis-sens li jinkludi wkoll in-nollegġ ta' parti jew ta' perċentwali mill-kapaċità tal-bastiment (nollegġ parzjali)?”

2. Is-Sitt Direttiva tipprekludi liġi nazzjonali li tippermetti eżenzjoni fir-rigward ta' nollegġ sħiħ biss?”

III — L-osservazzjonijiet prinċipali sottomessi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

9. Il-Gvern Grieg u l-Gvern Spanjol huma tal-fehma li l-kunċett ta' “nollegġjar” użat fl-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva jirreferi biss

għan-nollegġ ta' l-ispazju kollu tal-bastiment u għaldaqstant jikkonkludu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali hija konformi mad-Direttiva. L-eżenzjonijiet stipulati fis-Sitt Direttiva għandhom jiġu interpretati b'mod strett peress li huma eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali li l-VAT għandha tkun imposta fuq kull servizz iprovdut bi fhas minn persuna taxxabbli.

10. Il-*Gvern Belġjan* u l-*Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* huma tal-fehma li l-kunċett ta' nollegġ jirreferi kemm għal nollegġ parzjali u kemm għal nollegġ sħiħ.

11. Skond il-*Gvern Belġjan*, l-għan tal-formulazzjoni ta' l-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva huwa li jiġi eżentat in-nollegġ ta' ċerti bastimenti, b'mod partikolari bastimenti li jbaħħru msemmija fil-paragrafu 4(a) u (b), u mhux li jiġu eżentati tipi partikolari ta' nollegġ. Fi kwalunkwe każ, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta dispożizzjoni ta' dritt Komunitarju tista' tiġi interpretata f'diversi modi, għandha tiġi adottata l-interpretazzjoni li tassigura l-effikaċja tad-dispożizzjoni. F'dan il-każ, madankollu, interpretazzjoni tal-kunċett ta' nollegġ li hija limitata għal nollegġ sħiħ tippreġudika l-effikaċja ta' l-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva peress li, għall-istess rotta u għall-istess tip ta' bastiment, nollegġ parzjali

jwassal għall-fhas tal-VAT filwaqt li nollegġ sħiħ ikun eżentat.

12. Il-*Kummissjoni* ssostni, fl-ewwel lok, li, skond ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 15 tas-Sitt Direttiva ma tagħtix lill-Istati Membri l-abbiltà li jinfluwenzaw il-kamp ta' applikazzjoni materjali tas-Sitt Direttiva, kif iddefinit mill-istess direttiva. Fit-tieni lok, peress li merkanzija esportata lejn pajjiżi terzi għandha tkun ħielsa minn kwalunkwe taxa meta toħroġ mit-territorju tal-Komunità, huwa meħtieġ li servizzi ta' nollegġ m'għandhomx ikunu ntaxxati, irrispettivament minn jekk in-nollegġ huwiex parzjali jew sħiħ. Fl-aħħar lok, jekk il-kunċett ta' nollegġ jiġi limitat għal nollegġ sħiħ biss, dan ikun ifisser li d-dritt għal eżenzjoni jkun jiddependi mid-daqs tal-bastiment minħabba li l-kwistjoni ta' jekk volum simili ta' merkanzija jkunx eżentat jew le tkun tiddependi mid-daqs tal-bastiment ikkonċernat.

13. Madankollu, il-*Kummissjoni* tqajjem ukoll argument li jista' jsofni l-fehma li l-leġiżlazzjoni Spanjola hija kompatibbli mad-dritt Komunitarju. Jista' jingħad, b'analoġija, li nollegġ parzjali għandu jitqies bħala l-ġarr ta' merkanzija, u għalhekk jaqa' taħt l-Artikolu 15(13) tas-Sitt Direttiva⁴, li jistabbilixxi, b'mod partikolari, eżenzjoni għal servizzi ta' trasport marbuta ma' l-esportazz-

4 — L-Artikolu 15(13) tas-Sitt Direttiva jipprovidi li "Il-provvista ta' servizzi, inkluż it-trasport u l-operazzjonijiet anċillari, iżda eskluż il-provvista ta' servizzi eżentati skond l-Artikolu 13, fejn dawn huma direttament konnessi ma' l-esportazzjoni ta' oġġetti jew ma' l-importazzjoni ta' oġġetti koperti mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(3) jew l-Artikolu 16(1), Titolu A."

zjoni ta' merkanzija. Madankollu, il-Kummissjoni ssostni li dan l-argument m'għandux jiġi aċċettat. L-ewwel nett, il-formulazzjoni tas-Sitt Direttiva tissuġġetta n-nolleġġ u l-ġarr ta' merkanzija għal regoli legali differenti u, it-tieni nett, iż-żewġ tipi ta' kuntratti huma differenti ħafna.

14. Il-Kummissjoni ssostni li hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina, abbażi tal-formulazzjoni tal-kuntratt bejn il-partijiet kif ukoll abbażi tan-natura u tal-kontenut tas-servizz ipprovdut, jekk il-kuntratt in kwistjoni jissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa għal kuntratt ta' nolleġġ għall-finijiet ta' l-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva.

IV — Evalwazzjoni legali

15. Skond l-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva, in-nolleġġ ta' bastimenti li jbaħħru huwa eżentat mill-VAT. Din id-dispożizzjoni ma tippovdix definizzjoni iktar preċiża tal-kunċett ta' nolleġġ.

16. Fil-prattika, kuntratt ta' nolleġġ jista' jkopri bastiment sħiħ, f'liema każ l-operaz-

zjoni tissejjaħ nolleġġ "sħiħ", jew parti biss mill-bastiment, f'liema każ l-operazzjoni tissejjaħ nolleġġ "parzjali".

17. Mill-osservazzjonijiet ta' l-Istati Membri li għamlu intervent f'dawn il-proċeduri jirriżulta li l-kunċett ta' nolleġġ ma ġiex interpretat b'mod uniformi fil-Komunità, kif jidher mil-leġislazzjoni rilevanti ta' xi Stati Membri, inkluża Spanja — minn fejn oriġinat din it-talba għal deċizzjoni preliminari, li tillimita l-kunċett ta' nolleġġ għal nolleġġ "sħiħ", filwaqt li leġislazzjoni nazzjonali ta' Stati Membri oħra, bħal per eżempju l-leġislazzjoni Belġjana, jidher li tadotta interpretazzjoni iktar wiesgħa, fis-sens li kull tip ta' nolleġġ, kemm jekk "sħiħ" u kemm jekk "parzjali", huwa eżentat. Għalhekk, tqum il-kwistjoni tal-portata li għandha tingħata lill-kunċett ta' nolleġġ fil-kuntest ta' l-eżenzjoni mill-VAT taħt l-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva.

18. Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, eżenzjonijiet mill-VAT għandhom jiġu interpretati b'mod strett peress li huma eċċezzjonijiet għall-prinċipju ġenerali li l-VAT għandha tkun imposta fuq kull servizz ipprovdut bi ħlas minn persuna taxxabli⁵. B'mod partikolari, il-Qorti tal-

⁵ — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Settembru 2004, Cimber Air (C-382/02, Għabra p. 1-8379, punt 25).

Ġustizzja tenniet dan il-prinċipju meta interpretat l-eżenzjonijiet applikabbli għal bastimenti li jbahhru⁶.

19. Madankollu, dan il-prinċipju ta' interpretazzjoni stretta ma jstax iwassal sabiex l-Artikolu 15 jiġi interpretat f'sens differenti mis-sens li joħroġ b'mod ċar mill-formulazzjoni tiegħu⁷.

20. La fid-dispożizzjoni in kwistjoni u lanqas f'xi parti oħra tas-Sitt Direttiva m'hemm xejn li jippermetti restrizzjoni tat-terminu "nolleggjar" għal nollegg "sħiħ" biss. Jidher li, b'differenza minn dak li s-Sitt Direttiva tipprovdi fir-rigward ta' l-eżenzjoni taħt l-Artikolu 15(4) ta' l-istess direttiva⁸, l-Istati Membri ma jstgħux jillimitaw l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 15(5) ta' din id-direttiva qabel ma jidħlu fis-seħħ ir-regoli fiskali Komunitarji li jispeċifikaw il-portata ta' din l-eżenzjoni. Għaldaqstant, limitazzjoni tattifsira tat-terminu "nolleggjar" fil-kuntest ta' l-eżenzjonijiet mill-VAT prevista fis-Sitt Direttiva għal nollegg "sħiħ" tidher li tmur lil hinn mill-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri għandhom fir-rigward tat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva fid-dritt nazzjonali. Fil-fatt, id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazz-

zjoni tal-VAT taqa' fil-kompetenza tal-leġiżlatur Komunitarju u sabiex limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-VAT, b'mod partikolari permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-leġiżlazzjoni Komunitarja, tkun kompatibbli mas-Sitt Direttiva, din għandha tirriżulta mill-formulazzjoni, għan u/jew l-iskema ġenerali tas-Sitt Direttiva.

21. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat ukoll jekk pożizzjoni restrittiva, bħal dik meħuda mil-leġiżlatur Spanjol, tistax tiġi rrikonċiljata mas-sistema u l-obbjettiv tas-Sitt Direttiva. F'dan ir-rigward, għandu jiġi irrilevat ukoll li l-eżenzjonijiet huma kunċetti indipendenti ta' dritt Komunitarju li għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest ġenerali tas-sistema komuni tal-VAT introdotta permezz tas-Sitt Direttiva⁹.

22. Kif sostnew il-Gvern Belġjan u l-Kummissjoni, interpretazzjoni tat-terminu "nolleggjar" użat fl-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva fis-sens li jirreferi esklużivament għal nollegg sħiħ twassal għal inkonsistenzi serji fit-trattament ta' operazzjonijiet ta' nollegg fir-rigward tal-VAT. Jekk tiġi adottata interpretazzjoni bħal din, id-dritt għal eżenzjoni fir-rigward ta' operazzjoni ta' nollegg ikun jiddependi mid-daqs tal-bastiment peress li operazzjoni ta' nollegg għat-trasport ta' l-istess volum ta' merkanzija tkun eżentata meta jintuża bastiment żgħir, peress li l-

6 — Ara s-sentenzi tas-26 ta' Ġunju 1990, *Velker International Oil Company* (C-185/89, Ġabra p. I-2561, punt 19), u ta' l-14 ta' Settembru 2006, *Elmeka* (C-181/04 sa C-183/04, Ġabra p. I-8167, punt 15).

7 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza *Cimber Air*, iċċitata iktar 'il fuq punt 29.

8 — It-tieni sentenza ta' l-Artikolu 15(4) tipprovdi li: "Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-Kunsill mill-iktar fis possibbli proposti sabiex jistabbilixxu regoli fiskali Komunitarji li jispeċifikaw l-iskop ta' u l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' din l-eżenzjoni u l-eżenzjonijiet li hemm provvediment għalihom f'(5) sa (9). Sakemm dawn ir-regoli jidħlu fis-seħħ, l-Istati Membri jstgħu jillimitaw sa liema punt tista' ssir l-eżenzjoni li hemm provvediment għaliha f'dan il-paragrafu."

9 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 1997, *SDC* (C-2/95, Ġabra p. I-3017, punt 21); ta' l-10 ta' Settembru 2002, *Kügler* (C-141/00, Ġabra p. I-6833, punt 25); *Cimber Air*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23; u *Elmeka*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20.

merkanzija tuża l-kapaċità kollha tal-bastiment u għalhekk l-operazzjoni titqies bħala nolleġg sħiħ, filwaqt li fuq bastiment akbar, l-istess volum ta' merkanzija, tuża' biss parti mill-kapaċità kollha u għalhekk l-operazzjoni titqies bħala nolleġg parzjali tal-bastiment. Inkonsistenzi bħal dawn jippreġudikaw l-effikaċja ta' l-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva.

tal-pajjiż ta' destinazzjoni. Fil-fatt, dan il-prinċipju jista' jiġi rrispettat fir-rigward ta' merkanzija esportata permezz ta' nolleġg "parzjali" billi jiġi applikat l-Artikolu 15(13) tas-Sitt Direttiva li jipprovdni, b'mod partikolari, għall-eżenzjoni tat-trasport ta' merkanzija esportata sakemm din il-merkanzija tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni. Madankollu, kif irrilevat mill-Kummissjoni, mhuxwix ċar jekk applikazzjoni bħal din ta' l-artikolu msemmi hijiex konsistenti mas-sistema u mal-loġika tas-Sitt Direttiva.

23. Barra minn hekk, jekk kuntratt għannolleġg "parzjali" ta' bastimenti li jbaħħru ma jkunx eżentat, jinħolqu sitwazzjonijiet fejn il-kost tat-trasport ta' ċerta merkanzija esportata, jiġifieri dik il-merkanzija li tiġi esportata permezz ta' nolleġg parzjali, ma jkunx eżentat. Riżultat bħal din ikun manifestament kuntrarju għall-prinċipju tal-pajjiż ta' destinazzjoni li jipprovdni li l-merkanzija għandha tiġi ntaxxata fil-pajjiż fejn ħa tintuża mill-konsumatur finali. Minn dan il-prinċipju jsegwi, b'mod partikolari, li merkanzija intiża għall-esportazzjoni barra mill-Komunità għandha tkun ħielsa minn kull taxxa, inkluża kwalunkwe taxxa fuq il-kost tagħha marbut mat-trasport barra mill-Komunità minħabba li kost bħal dan ikun inkluż fil-prezz tal-merkanzija esportata.

24. Jista' jiġi argumentat li l-esklużjoni ta' nolleġg "parzjali" mill-portata ta' l-eżenzjoni taħt l-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva fir-rigward tal-"nolleġgjar" ta' bastimenti ma tippreġudikax neċessarjament il-prinċipju

25. L-ewwel nett, huwa evidenti li kuntratt ta' nolleġg u kuntratt għall-ġarr ta' merkanzija huma pjuttost differenti fir-rigward ta' l-iskop tagħhom u tar-regoli legali applikabbli għalihom. Meta bastiment — jew parti minnu fil-każ ta' nolleġg parzjali — ikun is-suġġett ta' kuntratt ta' nolleġg u kera, il-bastiment ikun ipprovdut għal skop partikolari, per eżempju trasportazzjoni, filwaqt li kuntratt għall-ġarr ta' merkanzija huwa kuntratt li permezz tiegħu min iġorr il-merkanzija jintrabat li jwassal il-merkanzija sa destinazzjoni partikolari. Fi kliem ieħor, filwaqt li kuntratti ta' nolleġg jew kera jikkonċernaw il-mezz ta' trasport bħala tali, kuntratt ta' ġarr jikkonċerna l-merkanzija li għandha tiġi trasportata permezz tal-mezz ta' trasport. Minn dan isegwi li filwaqt li n-nolleġġatur u l-kerrej għandhom dritt fuq l-użu tal-bastiment li huwa s-suġġett tal-kuntratt — jew parti minnu fil-każ ta' nolleġg

parzjali — is-sid tal-merkanzija ttrasportata fuq bastiment taħt kuntratt għall-ġarr ta' merkanzija m'għandux dritt bħal dan iżda jista' jippretendi biss li l-merkanzija titwassal sa destinazzjoni speċifika. Dawn id-differenzi jidhru li jsostnu l-argument li r-regoli applikabbli taħt is-Sitt Direttiva għandhom ikunu differenti.

26. Assimilazzjoni ta' nollegg parzjali mal-ġarr ta' merkanzija iktarx tqajjem ukoll dubju dwar il-ħtieġa li ssir eżenzjoni separata għal nollegg sħiħ. Jekk nollegg sħiħ tant jixbah lill-ġarr ta' merkanzija li jiġu assimilati flimkien minkejja differenzi sostanzjali fin-natura legali tal-kuntratt, jista' jkun hemm dubju jekk għandux ikun hemm eżenzjoni separata għal nollegg u jekk nollegg għandux jiġu kompletament assimilati mal-ġarr ta' merkanzija. Għaldaqstant, huwa diffiċli sabiex l-assimilazzjoni ta' nollegg parzjali mal-ġarr ta' merkanzija tiġi rrikonċiljata mal-formulazzjoni tas-Sitt Direttiva.

27. Fl-aħħar nett, peress li dawn iż-żewġ tipi ta' kuntratti huma manifestament pjuttost differenti fir-rigward tan-natura legali ta' għom, jista' raġonevolment jiġi preżunt li l-leġiżlatur Komunitarju kien jispeċifika b'mod ċar fis-Sitt Direttiva jekk huwa kellu l-intenzjoni li jillimita l-kunċett ta' nollegg għal nollegg sħiħ biss u li jassimila nollegg parzjali mal-ġarr ta' merkanzija.

28. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jsewgi li m'hemm l-ebda raġuni imperattiva li titlob li nollegg "parzjali" jiġi assimilati mal-ġarr ta' merkanzija għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-eżenzjonijiet mill-VAT taħt is-Sitt Direttiva minflok ma jiġi kkunsidrat li jaqa' taħt l-eżenzjoni għal nollegg taħt l-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva¹⁰.

29. Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li t-terminu "nolleggjar" fl-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 15 (5) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi kemm in-nollegg tal-kapaċità kollha tal-bastiment (nollegg sħiħ) u kemm nollegg fir-rigward ta' parti jew ta' perċentwali mill-kapaċità tal-bastiment (nollegg parzjali).

30. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li s-Sitt Direttiva tipprekludi liġi nazzjonali li tippermetti eżenzjoni fir-rigward ta' nollegg sħiħ biss.

10 — Minkejja dan, sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni korretta tas-Sitt Direttiva m'hemm xejn li jżomm lil qorti nazzjonali milli tibdel il-klassifikazzjoni tan-natura ta' kuntratt għal nollegg "parzjali" li kieku kellha tasal għall-konklużjoni li dan ta' l-aħħar m'huwa, f'każ partikolari u abbażi tal-klawżoli kuntrattwali tal-kuntratt in kwistjoni, xejn iktar minn kuntratt għall-ġarr ta' merkanzija u għaldaqstant identifikat b'mod żbaljat bħala kuntratt ta' "nollegg" sabiex jaqa' taħt il-kundizzjonijiet meħtieġa għal eżenzjoni fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' nollegg fis-sens ta' l-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva.

V — Konklużjoni

31. Fid-dawl ta' dak li għadu kemm intqal, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti r-risposta segwenti għad-domandi magħmula:

- “1) It-terminu “nolleġġjar” fl-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 15(5) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur mizud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/111/KEE, ta' l-14 ta' Diċembru 1992, għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi kemm in-nolleġġ tal-kapaċità kollha tal-bastiment (nolleġġ sħiħ) u kemm nolleġġ fir-rigward ta' parti jew ta' perċentwali mill-kapaċità tal-bastiment (nolleġġ parzjali).

- 2) Is-Sitt Direttiva tipprekludi liġi nazzjonali li tippermetti eżenzjoni fir-rigward ta' nolleġġ sħiħ biss.”